# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 11 ta' Frar, 2002.**

**Appell Nru 152/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paolo Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paolo Mifsud talli (**1**) fil-5 ta' Marzu, 2001 b'ezercizzju illegali u abbuziv ta' jeddijiet illi jippretendi li huwa ghandu u bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kap. 9, qabad u dahal go porzjon raba f'Tas-Serena, Bahrija, limiti tar-Rabat, illi kienet tiddetjeni legalment il-kwerelanti [Doris Debono] u harat l-istess porzjon raba u qered l-ucuh tal-ful illi kien hemm mizrugh, kif ukoll (**2**) ikkommetta vjolazzjoni tal-istess proprjeta` ghad-detriment tal-kwerelenti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Lulju, 2001, li fil-parti relevanti taghha tghid hekk:

"Billi jirrizulta li l-pussess tal-habel kien zgur f'idejn il-kwerelanti u ghalhekk biex jippriva lill-kwerelanti mill-pussess ma ha ebda passi gudizzjarji biex jistabilixxi l-eskluzivita` tal-pussess tieghu, izda qabad u dahal u harat l-ghalqa kif jammetti huwa stess.
"Ghalhekk jirrizultaw perfettament l-estremi tar-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ssibu hati tal-imputazzjoni u tikkundannah ghal Lm100 multa.";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Paolo Mifsud, minnu ppresentat fit-30 ta' Lulju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Din il-Qorti, qabel xejn, tosserva li l-ewwel qorti ma ppronunzjat ruhha b'ebda mod fuq it-tieni imputazzjoni. Fic-cirkostanzi, it-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata, flok ghar-riforma taghha, hija gustifikata.

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, illi l-ewwel qorti ddecidiet hazin meta rravizat l-estremi tar-reat ta' *ragion fattasi* f'dak li kien sehh. Hu jikkontendi li kullma ghamel meta harat il-wicc tal-ghalqa u nehha l-ful li kienet zerghet ohtu (Doris Debono) kien li jipprotegi il-pussess li hu kellu tar-raba in kwistjoni mill-ingerenza abuziva tal-imsemmija ohtu.

Ghalkemm din il-Qorti, bhala regola, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti, f'dan il-kaz hi tal-fehma li l-appell ghandu jigi milqugh, u dan peress li, assumendo li l-provi li kellha quddiema l-ewwel qorti kienu l-istess bhall-provi li semghet din il-Qorti, l-ewwel qorti ma setghetx legalment u ragjonvolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija li waslet ghaliha. Dan qed jinghad ghax jirrizulta car mill-provi li Doris Debono kullma kellha kien mhux il-pussess tar-raba *de quo* izda semplicement kellha l-permess tal-appellant li tidhol taqta' l-bajtar (meta dana l-bajtar kien ikun tajjeb ghall-qtugh) mis-sigar li kienu jinsabu fl-ghalqa ta' l-appellant. Ghalhekk l-appellant kellu l-pussess eskluzziv tal-ghalqa. Meta l-appellant zabar, kif kellu dritt jaghmel, xi whud minn dawn is-sigar u nehha wahda minnhom li kienet fin-nofs u li minhabba fiha ma setax jghaddi bl-ingenji, Doris Debono abuzivament zerghet fl-ghalqa il-ful. Jinghad "abuzivament" ghax hi qatt ma kellha l-pussess ta' din l-ghalqa. L-appellant, ghalhekk, kellu kull dritt li jahrat dik l-ghalqa biex jirrespingi l-ingerenza fiha ta' ohtu; hu kien qieghed semplicement jipprotegi l-i*status quo*, u ghalhekk fic-cirkostanzi japplika l-principju *vim vi repellere licet*.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tilliberat lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.